**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 44 / 2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs**

**Joseph Galea**

Illum 3 ta' Settembru, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Joseph Galea, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 568392(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar id-9 ta' Awwissu, 2019, ghall-habta ta' 13.55hrs waqt li kien fil-fliegu bejn Malta u Ghawdex u/jew fil-vicinanzi;

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti u oggetti ohra fosthom mobile phone tal-ghamla Samsung li l-valur taghhom jaqbez mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda hu anqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema serq huwa kwalifikat bil-valur u bil-persuna u dan sar ghad-dannu ta' Maria Rosa Farrugia u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267 u 268 tal-Kapitolu 9;

U aktar talli nhar id-19 ta' Awwissu, 2019, u fil-granet ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat, u xjentement, b' kull mod, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-31 ta' Mejju, 2021, fejn il-Qorti filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni (2) imputazzjoni ghaliex din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni wara li rat artikoli 261, 267 u 268 tal-Kapitolu 9 sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal perjodu ta' tmintax-il xahar prigunerija izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz hemm lok li tinghata sentenza sospiza a tenur tal-Artikolu 28 (A) (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issospendit t-terminu ta' erba' (4) snin b' effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur tal-Artikolu 28 (A) (4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabbilta' tieghu taht l-Artikolu 28 B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

*Inoltre*, wara li rat Artikolu 533 tal-Kap 9 ordnat lil Joseph Galea jhallas is-somma ta' tliet mija u sebgha u erbghin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (**€347.27)** bhala spejjez peritali li jridu jithallsu fi zmien xahar mil-lum.

Il-Qorti se tapplika l-artikolu 532 A tal-Kap. 9 moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation (Kap. 446) u ordnat lill-hati jhallas lil **Mary Rose Farrugia u Joseph Farrugia** l-flus li nsterqu lilhom kif ukoll il-valur tal-mobile phone li kellha u li wkoll insteraq, ammontanti b' kollox ghal elf hames mija u hamsa u tletin ewro (€ 1,535). Dan l-ordni ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Il-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Kumpanija Gozo Channel.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Joseph Galea, pprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-16 ta' Gunju, 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata u dan billi filwaqt illi **TIKKONFERMAHA fil-parti tas-sentenza fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni (2) akkuza migjuba fil-konfront tieghu, THASSARHA U TIRREVOKAHA** fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement **TILLIBERAH** minn kull htija u piena; jew alternattivament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat **illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

1. **Apprezzament zbaljat tal-Provi Prodotti u tal-Ligi Applikabbli fir-Rigward tas-Sejbien tal-Htija fl-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu fis-sens illi mhemm l-ebda prova illi l-appellant kkommetta s-serq**

Illi l-appellant jirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament u interpretazzjoni hazina tal-provi migjuba quddiemha u tal-Ligi applikabbli meta sabitu hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu u dan ghaliex fl-umli fehma tal-appellant l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellha qatt issib htija fl-appellant fir-rigward ta' din l-akkuza.

Fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni fost l-ohrajn ressqet lill-allegati vittmi jixhdu u haddiema tal-Gozo Channel halli jispjegaw x' gara u d-dinamika tal-incident in kwistjoni.

a) **L-appellant cahad kategorikament illi huwa seraq il-handbag kemm fl-istqarrijiet minnu rilaxxati kif ukoll fix-xhieda bil-gurament illi huwa taha quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti**

Illi fl-ewwel lok jinghad illi l-appellant mhuwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, w cioe *beyond reasonable doubt* izda nonostante cio' l-imputat ghazel illi jixhed u jaghti l-verzjoni tieghu tal-fatti.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri w dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b' zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputata. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi jigi rilevat illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita' . Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b' verzjonijiet differenti tal-fatti, ghal kollox kunfliggenti. Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-proceddiment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjub fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Illi tajjeb li jigi rrimarkat li sa mill-istadju promutur, l-appellant kkollabora bis-shih mal-Pulizija u kien kredibbli u konsistenti f' dak li sahaq u l-istess konsistenza rrizultat anke meta ha l-pedana tax-xhieda fejn bazikament ikkonferma dak mistqarr minnu fl-istqarrijiet rilaxxati minnu *a tempo vergine.*

Illi l-appellant irrilaxxa zewg stqarrijiet f' liema stqarrijiet huwa cahad kategorikament li huwa kien b' xi mod responsabbli ghas-serqa odjerna. Illi jigi relevat illi huwa stqarr li huwa jahdem fil-kafeterija tal-Gozo Channel u spjega illi bhala dejjem jigri meta jinstab xi oggett illi jkun thalla warajh huwa jigbru u jitfghu fl-istore, jew fuq il-fridge jew fuq ic-chillers. Illi huwa kkonferma illi fil-fatt anke fil-kaz odjern hekk gara fejn sab il-handbag u huwa mar poggieh fl-istore bhalma kien jigri dejjem. Huwa kkonferma illi l-handbag huwa ma fethux u ghalhekk ma kienx jaf x' fih izda sempliciment poggieh fl-istore. Illi huwa spjega wkoll illi sa l-gimgha ta' qabel dan l-

incident kien hemm persuna illi nesiet pouch mimli flus fuq il-vapur ta' Ghawdex, hu poggieh fl-istore ukoll u imbaghad kien gie ghalih biex jigbru u tahulu. Illi huwa kkonferma wkoll illi meta jinstabu xi oggetti kemm hu u kemm il-haddiema l-ohra huma dejjem jaghmluhom fl-istore, jew fuq il-frige jew fuq il-chiller u fil-fatt spjega li fil-prezent kien hemm diversi oggetti misjuba hemmhekk:

**L-Ewwel Stqarrija**

*Ara l-pulizija rcievew rapport nhar 9 t' Awwissu 2019 fejn fih inghad li persuna femminli kien halliet l-handbag warajha fuq il-vapur u li wara irrizulta skond il-filmati tas-sigurta li hemm fuq il-vapur li dan kont hadtu inti. Inti xi ghandek xi tghidli dwardan?*

*Jien bhal soltu meta jkun oggett nigbru u nitfghu fi store jew fuq fridge jew fuq chillers. Dan mhux l-ewwel darbu sibt affarijit u dawn dejjem jitpoggew hemmhekk.*

*Ara jien urejtek parti zghira minn filmat fuq il-mobile fejn inti tidher taqbad dan l-handbag. Naqblu li l-persuna li tidher tiehu handbag huwa int?*

*Iva nidher fic-car li jien. Imma l-handag jien ma' sraqtux.*

*Int meta hadt handbag xi ghamilt bih?*

*Jien 99% tfajtu fi store u hrigt npejjep. .*

*Naqblu li inti hadt il-flus li kien gol-basket?*

*Jien ma' hadt la' ebda flus u lanqas biss ftahtu u allura ma' kontx naf xi fih.*

*...*

*Tixtieq izzid xi haga ohra ma dak li ghedtilna?*

*Jien li nista nghid hu li dan il-basket zgur li tfajtu fi store u jien ma' hadtx ta' go fih*

**It-tieni Stqarrija**

*Inti meta mort tigbor l-basket ha nerga nsaqsik fejn bqajt sejjer bih?*

*Tfajt fi store u hrigt npejjep kif naghmel is-soltu.*

*Inti meta gbartu l-basket kemm kien ilek li ndunajt bil-basket mdendel mas-siggu?*

*Jien kont hiereg npejjep, rajt l-basket, gbartu u mort bih fil-store, kif jidher fil-filmat.*

*Mela inti qieghed jsemmili l-filmat, fil-filmat inti tidher qabel ma' tigbru tharres madwarek. Inti xi ghandek xi tghidli dwar dan?*

*Jien kont qieghed nhares madwari habba t-tazzi li jkun hemm fuq l-imwejjed. Jien naf li l-vapur kollhu cameras. Sa bhal illum gimgha kien hemm wiehed waqt li kont qieghed fuq Gaudos, halla pouch mimli flus u jien ghajjatlu biex jigi jehodu. Jien kont naf li fih flus ghax gie biex jhallasni ghax jien tfajtu fuq chiller u ma' kontx naf fih.*

*...*

*Tixtieq izzid xi haga ohra ma dak li ghedtilna?*

*Jien li nista nzid hu li meta nsib xi haga bhalma jaghmlu shabi jew naghmluhom fi store jew fuq chiller jew fuq fridge. Jekk tmorru taraw tistghu tikkonfermaw dan*

Illi l-istqarrijiet minnu rrilaxxati gew ikkonfermati fix-xhieda guramentata illi huwa taha quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti fejn bazikament ikkonferma dak li qal fl-istqarrijiet minnu rrilaxxati u xejjen it-tezi migjuba mill-prosekuzzjoni u ghaldaqstant huwa ghandu jigi liberat mill-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

**b) L-unika prova migjuba f' dan il-kaz huwa l-filmat li xorta mhuwiex bizzejjed sabiex jipprova l-kaz imressaq mill-Prosekuzzjoni**

Illi fil-kaz odjern l-unika prova li hemm fil-konfront tal-appellant u illi l-prosekuzzjoni qeghdin jibbazaw fuqha huwa l-filmat illi juri lill-appellant jiehu l-handbag minn fuq il-mejda u eventwalment jitfghu fl-istore. Illi kif spjega ben tajjeb l-appellant kemm fl-istqarrijiet minnu rilaxxati kif ukoll fix-xhieda bil-gurament illi huwa taha quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti din kienet prassi komuni hafna u cioe' illi meta jinstab oggett dan jittiehed fl-istore halli jekk eventwalment jigi xi hadd ghalih dan jtuhulu lura.

Illi l-fatt illi l-appellant kien qieghed fuq il-vapur mhemm xejn suspettuz fiha stante illi huwa x-xoghol tieghu fejn fil-fatt huwa spjega illi jahdem fil-kafetterija tal-Gozo Channel. Illi mhemm xejn suspettuz lanqas illi l-appellant qieghed jidher jiehu l-basket minn fuq il-mejda stante illi kienet prassi illi meta jinstabu oggetti illi jkunu hallewhom warajhom in-nies l-impjegati kienu johduhom minn fejn instabu u jitfghuhom fl-istore. Illi dan kien isir halli jekk jerghu jitilghu n-nies ma johduhomx huma izda kienu jigu mehudha mill-impjegati gewwa l-istore halli l-oggetti jinzammu hemmhekk.

Illi dan il-fatt wahdu bir-rispett kollu mhux bizzejjed sabiex iwassal ghal konvinciment morali u lil hinn minn kull dubju dettatt mir-raguni illi l-appellant kien huwa li kkometta tali serqa. Illi fil-fatt kif spjega ben tajjeb kemm fl-istqarrijiet minnu rrilaxxati kif ukoll fix-xhieda bil-gurament huwa nnega ghal kollox illi seraq dan il-basket u/jew ha xi affarijiet minn go dan il-basket izda sempliciment sab dan il-basket fuq il-medja, induna li kien hallieh warajh xi hadd u ghalhekk hadu fl-istore stante illi kienet prassi illi meta jinstabu oggetti dawn jithallew hemmhekk halli jekk jintalbu lura jkunu jistghu jigu ritornati lura.

Illi, kif inghad aktar il-fuq, huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn tal-ahhar iridu ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u iridu ikunu sufficjenti tali biex inisslu konvinciment morali f' mohh il-Gudikant lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mir-reita' tal-imputat. Fil-fatt, il-provi cirkostanzjali jistghu jitqiesu bhala prova ammissibbli jekk huma univoci u jwasslu ghall-konkluzjoni wahda.

Illi jekk wiehed janalizza l-filmat b' mod dettaljat l-appellant qatt ma jidher li qed jiehu xi oggetti minn gol-basket imma sempliciment jidher qieghed jiehu l-basket fejn thalla u jmur ipoggih gol-istore. Illi dan ifisser illi l-appellant ma jistax jinstab hati ta' serq talli sempliciment ha l-oggett minn post ghal iehor stante illi kienet prassi illi oggetti mitlufa jinzammu hemmhekk.

Illi huwa umilment sottomess li skond il-ligi procedurali nostrana, kull qorti, u partikolarment qorti ta' gudikatura kriminali, ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li tista' ggib parti. Tali regola tohroġ mill-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu hu applikabbli ghall-proceduri kriminali bis-sahha tal-artikolu 520(1)(d) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi di piu jinghad li l-Artikolu 638(1) tal-Kodiċi Kriminali jghid bl-aktar mod skjett li "Bhala regola, ghandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar shiha u sodisfaċenti illi l-każ ikun jaghti, u li ma jithalla barra ebda xhud li x-xiehda tieghu tkun importanti";

Illi tenut kont ta' dawn ir-regoli tassattivi ta' proċedura penali, jinghad li fil- każ odjern zgur illi ma giex sodisfatt li kif tenniet il-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 2015 fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs. Antoine Agius

*"il-principju kardinali tal-kamp kriminali li sabiex ikun hemm sejbien ta' htija il-Prosekuzzjoni trid necessarjament iggib u tipprezenta l-aqwa prova li jkollha fil-pussess taghha. Tant hu hekk illi l-prosekuzzjoni tentuta tipprezenta kull prova kemm dik favur u kemm kontra"*

Illi fuq ir-regola tal-ahjar prova l-appellant jaghmel referenza ghall-insenjament tal-Professur Mamo, fejn dan jghid hekk:

*' The main object of the rules of evidence is to secure, so far as it can be secured, that the evidence given in a judicial proceeding shall be true, and for that reason they require that the best evidence procurable of the matter in dispute shall be given and in a manner which will best ensure the object in view....The rule as to the production of the best evidence is rigid, and the mind of the Court is alert to discover, when evidence of an alleged fact is tendered, whether it is not within the power of the person tendering it to produce better evidence of the same fact, and if the court is satisfied that better evidence can be produced it will insist upon the production thereof...In the unavoidable absence of the best or primary evidence, the Court will accept what is known as secondary evidence. Secondary evidence is evidence which suggests on the face of it that other and better evidence exists. It follows that it will never be received until the party tendering it proves what it is out of his power to obtain other evidence...' ;*

Illi ghalhekk ix-xhieda migjuba mill-Prosekuzzjoni wehidhom u tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq u ta' dak li jirrizulta mil-atti processwali ma jista' qatt iwassal lil dina l-Qorti ghal konvinciment morali illi l-appellant seta' kellu xi involviment f' dak li qed jigi akkuzat bih u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-ewwel akkuza relatata ma' serq.

**c) L-elementi li jikkostitwixxu r-reat tas-serq ma gewx ippruvati fil-kaz odjern**

Illi l-appellant jirrileva illi din il-Qorti tista' biss tispekula dwar jekk l-appellant kellux xi involviment f' dak li huwa qed jigi akkuzat bih u dana stante illi kemm ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u anke l-provi migjuba minnhom huma pjuttost dghajfa u ma jistghu fl-ebda kaz iwasslu ghal htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni fejn allura l-provi tal-prosekuzzjoni huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti.

Illi jirrizulta illi waqt l-iter ta' dan il-process ma giet ipprezentata l-ebda tip ta' evidenza li turi li l-imputat seraq dan il-basket u ghaldaqstant l-esponenti umilment

jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tillibera lill-esponenti mill-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghi.

Illi fir-rigward tad-definizzjoni tar-reat tas-serq l-esponenti jaghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 fejn inghad:

*"L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghha hi dik tal-Carrara u cioé: "La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro". (ara Il-Pulizija vs. Carmelo Felice, 10/1/42, Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali).*

Din id-definizzjoni hi suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b' referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-Codice Rocco:

*"Obiettivamente, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d' altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".*

Illi b' referenza ghall-elementi ta' dan ir-reat, l-esponenti jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ' Il-Pulizija [Spettur Sandra Zammit] vs. Clifford Camilleri' deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-7 ta' Jannar, 2013 fejn gie kkunsidrat li:

*' Illi x' inhuma l-elementi essenzjali biex jissussisti r-reat ta' serq huwa pacifiku u ben stabbilit. Il-Professur Sir Anthony Mamo jghallem li our courts have generally speaking adopted the definition of the crime given by Carrara i.e. la contrectatio dolosa della cosa altrui, fatta invito domino con animo fi farne lucro*

*Illi dwar il-hames element, dak intenzjonali l-Qorti ta' l- Appell Kriminali stabbilit li:*

*Issa kif gie dejjem ritenut mill-Qrati Taghna l-intenzjoni li taghmel xi qliegh tikkostitwixxi l-intenzjoni specifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta' dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett, imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh. Kif jghid il-Carrara [op.cit. Vol. I, para. 2035]:-*

*"il dolo specifico del furto consiste nell' intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll' uso della cosa altrui." u "per lucro qui non s' intende un' effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso."*

*u l-Crivellari jghid:-*

*"L' elemento intenzionale nel furto non si costruisce gia' col solo animo di prendere ma coll' animo di lucrare.*

*Il-Professur Sir Anthony Mamo [Notes on Criminal Law, 1958 , Vol. II , p. 305] jispjega hekk :-*

*"The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one' s self...."*

*u l-Maino fil-"Commento al Codice Penale" Libro II, Titolo X, para1843 jghid:-*

*"il profitto...deve intendersi cosi' nel senso di lucro potenziale e possibile e di lucro non soltanto materiale , ma nell' ampio senso della parola."*

*u aktar ' l isfel :-*

*"...per lucro o profitto nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che puo ritrarsi dalla cosa rubata vendendola, oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso."*

*U mbaghad il-Cassazione ta' Ruma ukoll irriteniet li :-*

*"Per lucro va inteso qualsiasi vantaggio illecito che si tragga o si proponga di trarre materialmente dalla cosa rubata." [21, Novembre, 1916 - Bollett Pen. 1917, p.140]'*

Ai rigward l-element tal-animus furandi issir ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Pawlu Scicluna et. (9 ta' Dicembru 1944 – Kollez. XXXII.iv.814) fejn intqal:

*' Bil-kelma lucro wiehed ma ghandux jifhem biss l-okupletazzjoni venali, jew borswali, imma kwalunkwe vantagg, kwalunkwe sodisfazzjon, kwalunkwe utili, pjacir, beneficcju, jew kommodu, li l-hati jkollu fi hsiebu li jipprokura' (p.820).*

L-istess fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Carmelo Felice (10 ta' Jannar 1942 – Kollez. XXXI.iv.458) fejn intqal:

*' Fuq id-dolo specifiku ghar-reat tas-serq, jigifieri l-iskop tal-lukru, skond id-dottrina huwa bizzejjed li dak il-lukru jkun potenzjali jew possibbli; u l-Impallomeni (Commento al Codice Penale Italiano, Vol. IV, p.14, no. 1843) jghid li ' per lucro e profitto del furto si intende non soltanto il lucro personale che puo` ritrarsi dalla cosa rubata vendendola, oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso, onde anche chi rubi per denaro o chi sottragga per mero diletto artistico un' opera d' arte, anche lasciando al proprietario il prezzo od altro oggetto di pregio equivalente o superiore, e` responsabile' (p. 460)."*

In oltre' fis-sentenza fl-ismijiet ' Il-Pulizija vs Adrian Valletta' deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Marzu, 2019 gie kkunsidrat li:

*' Il-Qorti ghalhekk thoss li f' dan l-istadju ghandha taghmel apprezzament ta' dritt u cioe taghti tifsira tal-kuncett ta' serq, u cioe tar-reat kontra l-propjeta ta' terzi per eccellanza jew ahjar kif jghid il-Manzini –*

*"l' oggetto generico della tutela penale (b' referenza ghal dan ir-reat) e' l' interesse pubblico riguardante l' inviolabilita del patrimonio."*

*Jekk wiehed janalizza l-Kodici Penali taghna, ma jsibx definizzjoni tal-kuncett ta' serq, ghalhekk n-nozzjoni tas-serq tista' prima facie tidher facli u ta' intelligenza volgari, mandankollu r-reat ta' serq dejjem ta' lok ghal kwistjonijiet frekwenti u vivament dibattuti fid-dritt kriminali. Hija l-prattika kostanti tal-Qrati taghna li jadoperaw d-definizzjoni moghtija minn Carrara fil-Programma Speciale vol IV para 2017- vide fl-ismijiet Il-Pulizija v Tanti.*

*Il-Carrara jghid:"il furto e' la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro."*

*Ghalhekk jirrizulta minnufih li sabiex jissusisti serq irid jkollna l-elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioe:*

*1. il-contractatio tal-haga,*

*2. li tappartjeni lil terzi,*

*3. maghmula b' mod frawdolenti,*

*4. minghajr l-kunsens tad-sid, u*

*5. animo lucrandi.*

*Ghalhekk meta nghidu li sabiex jissusisti s-serq il-contrectatio tar-res aliena irid isir b' mod frawdolenti, inridu nfissru li t-tehid tal-oggett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittiehed minghand terzi, jigifieri li t-tehid qed isir ghad-dannu ta' terzi. Huwa importanti sine qua non biex jigi ppruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-mens rea mhux biss t-tehid tar-res aliena izda l-intenzjoni li ser isir akkwist- animo di farne lucro. Il-kontracettazzjoni ma hiex bizzejjed imma hemm bzonn li tkun saret invito domino u luci faciendi gratia.*

*Infatti r-rekwizit specjali ghas-serq huwa li wiehed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantagg jew beneficcju minn haga li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jigi ppruvat huwa l-pussess tal-oggett li jrid jigi prodott minn kull tehid illegittimu kommess mediante sottrazione senza violenza personale, kif jghid Manzini presupposta essenziale del furto e' la mancanza del possesso del agente. Meta fil-fatt sid ta' res aliena m' ghandhux interess fl-oggett jew ahjar abbanduna l-istess oggett, minn jiehu dan l-oggetti ma jistghax jinsab hati ta' serq, se mai, ta' misappropriazzjoni. Fil- fatt, kif gia gie spjiegat fil-kawza Il-Pulizija v S.Pisani 23-, il-Qorti qalet li sabiex jezisti l-vjolazzjoni ta' serq, mhux biss l-oggett irid jigi mehud, izda li t-terz jigi spussessjat mill-oggett. Kwantu ghar-rekwizit ta' invito domino huwa intwittiv li l- kunsens tas-sid jiddirimi r-reat ta' serq. Dan il-kunsens jista' jkun tant espress kemm tacitu. F' cirkostanzi eccessjonali jista' jkun prezunt, u allura l-buona fede ta' l-awtur tal-contractatio teskludi r-reat. Bil-kelma lucro wiehed m' ghandhux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew borswali imma kwalunkwe vantagg, sodisfazzjon, utili, pjacir, beneficcju jew kommodu li l-hati jkollu fi hsiebu li jipprokura.*

*Carrara jghid :"avvengache per lucra qui non s' intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vantaggio o sodisfazione procurata a se' stesso."*

Illi ghalhekk ix-xhieda migjuba mill-Prosekuzzjoni wehidhom u tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq u ta' dak li jirrizulta mil-atti processwali ma jista' qatt iwassal lil dina l-Qorti ghal konvinciment morali illi l-appellant seta' kellu xi involviment f' dak li qed jigi akkuzat bih u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-ewwel akkuza relatata ma' serq stante illi l-elementi li jikkostitwixxu r-reat tas-serq ma gewx ippruvati fil-kaz odjern.

**D. Nuqqas ta' intenzjoni kriminuza min-naha tal-appellant**

Illi hu ekwu li jigi rrimarkat li l-appellant spjega fid-dettall fix-xhieda bil-gurament illita' quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti uta' raguni manifesta ghaliex ha l-basket gewwa l-kamra fejn huwa spjega illi mhux biex jisirqu hadu imma hadu minn fuq il-mejda u tefghu fil-kamra fejn kienu jitfghu l-affarijiet solitament illi jkunu hallewhom warajhom in-nies. Illi jigi rilevat illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghalhekk kellha tidhol f' dak li jikkostitwixxi r-responsabilita' kriminali. Il-kundizjonijiet generali ghar-responsabilita' kriminali huma ndikati b' mod preciz fil-maxim legali "actus non facit reum nisi mens sit rea". Ghalhekk att wahdu ma jistax jigi meqjus bhala att kolpevoli jekk tali att mhux akkompanjat b' mens rea. Fi kliem iehor hemm zewg kundizzjonijiet li ghandhom jigu sodisfatti qabel ma jista' jinghad li hemm responsabilita' kriminali u cioe' dak l-att materjali maghruf bhal l-actus reus u l-element formali u cioe' l-mens rea. L-att materjali huwa dak l-att maghmul minn individwu li jivvjola ddrittijet ta' terz. L-element formali huwa l-mens rea li ghandu jakkompanja dan l-att materjali.

Ghalhekk huwa mehtieg li l-Qorti tqis lintenzjoni doluza o meno tal-appellant f' dak li ghamel jew naqas li jaghmel qabel ma l-Qorti tista' tasal sabiex tistabilixxi l-htija o meno, u dan ghaliex hemm cirkostanzi meta ma hemmx intenzjoni kriminuza ghalkemm l-att huwa kiefer u oggettivament hazin. Issa l-mens rea jinkludi zewg attitudni tal-malvivent u cioe' l-malvivent ikun responsabbli ghal dawk l-atti hziena li jaghmel b' mod intenzjonali fejn allura l-intenzjoni tieghu tkun wahda doluza u dik fejn il-malvivent ikun traskurat f' ghemilu u ghalhekk l- intenzjoni tieghu hija wahda a culpa. Huwa biss meta jkun hemm wiehed minn dawn ic-cirkostanzi li jista' jinghad li l-att materjali jkun akkompanjat bil-mens rea rikjesta mil-ligi u li l-element formali u materjali ta' reat jikkoncidu u dan ghaliex jekk m' hemmx dolus u ad dirittura lanqas culpa allura ma hemmx responsabilita kriminuza. L-intenzjoni b' mod generali hija l-iskop jew disinn li bih att jigi affettwat. Jinghad li att huwa ntenzjonat jekk jezisti fil-hsieb qabel ma jsehh.

Holmes fil-ktieb tieghu Common Law a fol. 53 jirrileva li:

"*intention resolves itself into two major issues - that of foresight and that of wish, desire.*"

Ghalhekk att huwa intenzjonat meta kull parti tieghu jikkorrispondi ghal hsieb precedenti li kien prezenti f' mohh l-agent u li bih gie realizzat latt. B' mod generali jinghad li huwa l-operat maghdud ta' intellett u volja. Huwa car fil-ligi penali li l-kelma ' intenzjoni' hija uzata f' sens usa u fil-fatt Carrara jiddefinixxi l-intenzjoni kriminuza dolus "as the more or less perfect intention of doing an act which is known to be contrary to law".

Mhux necessarju li l-malvivent ikun jaf li qed jikser il-ligi izda minhabba l-principju ignoratia iuris neminam excusat izda li l-malvivent kien jaf li kien qed jaghmel xi haga hazina.

Kif jghid l-awtur Inliz Kenny a fol. 39 tal-ktieb tieghu intitolat Criminal Law –

"*in all ordinary crimes the psychological element which is thus indispensable may be fairly accurately summed up as consisting simply in intending to do what you know to be illegal.*"

Dan l-element jirrikjedi:

*1. "the power of violation, i.e. that the offender must be able to help doing what he does;*

*2. knowledge - that what the offender is doing is wrong;*

*3. foresight of such circumstance".*

Antolisei fil-ktieb tieghu - Manuale di diritto penale - 1975 edition (fol 271) jghid li sabiex imputat jinsab hati ta' reat huwa essenzjali li jkun hemm l-ezistenza tad-dolo, ex admisses jghid:-

*a. "la rapresentazione o cioe' la visione anticipata dell fallo che costituisce il reato (momento conoscitivo o intelletuale);*

*b. la risoluzione seguita da uno sforzo del volere diretto alla realizzazione del fatto rappresentato (momento volitivo)".*

Illi f' dan il-kaz huwa car illi l-appellant ma kellux l-intenzjoni illi jisraq hekk kif gie akkuzat mill-Prosekuzzjoni u dan peress illi fix-xhieda guramentata tieghu huwa spjega illi kien qieghed sempliciment jaghmel xogholu.

Ghal dawn ir-ragunijiet hawn fuq elenkati l-appellant jirrileva illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mil-Ligi u cioe' lil hinn minn kull

dubju dettatt mir-raguni u ghaldaqstant meta wiehed jara l-provi, il-Ligi u l-gurisprudenza ghandu jasal ghal konkluzzjoni illi r-reat imputabbli lill-appellant fl-ewwel akkuza ma giex ippruvat bl-ebda mod.

**E. Piena Erogata**

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost dan l-aggravju jirrigwarda l-piena. Illi huwa minnu li l-insenjament tal-Qrati superjuri dejjem sahaq li ma jiddisturbawx il-piena moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi fuq ton akkademiku, pero` l-esponenti ma jaqbilx kompletament ma' tali insenjament. Illi dana peress li qabel mal-Qrati tal-Ewwel grad, fin-nuqqas ta' sistema ta' ' sentencing policy' rigida, ma' jzommu certu konsistenza u omogenjita` fis-sentenzi taghhom, allura bilfors li jkollok min jilmenta bhalma qed jigri fil-kaz in ezami. Illi inoltre f' kull kaz Qrati ta' l-appell xorta ghandhom jidhlu f' ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw il-piena inflitta kinitx eccessiva jew le.

Illi l-appellant umilment jirrileva illi l-piena moghtija lilu u cioe' dik ta' tmintax-il (18) xahar prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin hija wahda eccessiva fic-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Illi qabel xejn ghandu jigi kkunsidrat li **l-piena qatt mghandha sservi sabiex titpatta l-hsara li tkun iggarbet mill-vittma - jew mill-familjari taghha - kawza tas-sinistru**.

Illi f' dan l-isfond ssir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo**:

*Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m' ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.*

*Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b' ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*

*Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu......*

*Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil- karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m' ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.*

*Illi fil-kaz in ezami l-imputat m' ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu;...*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anton Vassallo deciza mill-**Onor Imhallef David Scicluna nhar id-9 ta' Jannar, 2013 intqal hekk:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b' ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil- kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

*12. Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi lappellant/l-appellat qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta` ghalhekk ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-ghajnuna ta' ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta` permezz ta' servizz fil-komunita`. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta' kumpens, l-appellant/l-appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-probation filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun*

*qieghed irodd lis-socjeta` offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu.*

Illi imbaghad fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Maurice Agius**, il-Qorti tal-Appell Kriminali ezaminat *in funditus* meta qorti ghandha timponi sentenza ta' prigunerija sospiza:

*Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Anthony Wood*** *din il-Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l-kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta' prigunerija sospiza, u dan kemm fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement, kif ukoll fuq l-iskorta ta' gurisprudenza lokali. Huwa car, anke fid-dawl tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A, li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b' mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-legi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f' dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gja` msemmi, tal-Artikolu 28A, jew bhalma wiehed isib fl-Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ghandha tigi sospiza, x' ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

*Huwa minnu li, kif jispjega l-Professur David Thomas fil-ktieb tieghu* ***Principles of Sentencing*** *"[the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has*

*previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered." Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta'* ***Anthony Wood****) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f' kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika l- piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b' effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero`, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b' effett immedjat).*

**9.** *Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x' inhi jew x' tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il- koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikunta' lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b' mod li l-istat ma jinkorrix f' aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x' indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil- gazzetti jew f' xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza* ***R v. Sargeant*** *:*

***"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."***

Illi di piu' l-appellant jirrileva illi l-piena fil-kaz de quo hija eccessiva anke in vista tal-fatt illi l-fedina penali tal-appellant hija wahda netta u ghalhekk jekk ghandu jinstab hati ghandu jitqies u jigi kkunsidrat bhala *first time offender*. Fil-fatt, jigi rilevat illi l-fedina penali esebita fl-inkartament kriminali turi illi l-appellant qatt ma mess difru mal-gustizzja u ghalhekk huwa bniedem b' fedina penali kompletament netta.

Ghalhekk il-piena imposta kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. Illi ghalhekk l-appellanta tirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-2 ta' Lulju, 2021.

Ikkunsidrat.

Spettur **Bernard Charles Spiteri** xehed nhar il-11 ta' Settembru, 2019 u jghid li kien ircieva struzzjonijiet minghand l-allura Supretendent Maurice Curmi sabiex jinvestiga l-kaz li kien insteraq basket minn fuq il-Gozo Channel nhar id-9 ta' Awwissu, 2019 ghall-habta tas-2.00p.m. Minn stharrig li ghamel irrizulta li Maryrose Farrugia maret tirraporta l-ghassa tal-pulizija tal-Mgarr, Ghawdex li waqt li kienet fuq il-vapurta' Pinu sejra minn Ghawdex ghal Malta hija kellha basket li kien fih is-somma ta' elf u hames mija (1,500) fi flus kontanti. Hija kienet qabdet il-vapur tas-1.30p.m. Spjegat li kienet halliet il-basket warajha fuq il-vapur x'hin nizlet. Meta waslet Malta u appuntu hdejn Burmarrad ftakret li kienet halliet il-basket taghha fuq il-vapur u meta binha Joseph Farrugia iccekja biex jara dan il-baskett kienx instab fuq il-vapur kien inghata r-risposta li dan il-baskett ma kienx instab fuq il-vapur.

Huwa tkellem ukoll ma bin il-kwerelanti u dan kien qallu li kien telgha fuq il-vapur u tkellem ma Charlie Xuereb li hu impjegat tal-Gozo Channel u dan qallu li ma kien sab xejn. Qallu ukoll li kienu hadu hdejn il-kaptan tal-vapur izda l-kaptan kien qallu li ma kienu hadulu xejn u li ma kien jaf b'xejn. Flimkien ma Charlie Xuereb mar ikellem lil bar attendants li kienu tnejn u wiehed minnhom kien Joseph Galea li gharaf prezenti fl-awla bhala l-ko akkuzat u dan ikkonfermalu li ma kienu sabu l-ebda baskett.

Huwa tkellem ma l-impjegati u Charles Xuereb kkonfermalu li Joseph Farrrugia kien mar fuqu u staqsih jekk kienux sabu xi basket u li kien hu li akkompanjah lejn il-kaptan u li kien staqsa lil bar attendants dwar dan l-basket u ilkoll qalulu li ma kienu sabu xejn. Huwa tkellem ukoll ma Christopher Sultana fejn dak qallu li f'dik il-gurnata partikolari kien xoghol fuq il-vapur u kienu cemplulu mill-office u infurmawh li kien hemm mara li tilfet il-basket tan-nisa fuq wara tal-vapur u Sultana qallu li kien mar ifittex u ma sab xejn. Qallu ukoll li ftit wara kien telgha bin sid il-basket u staqsih jekk kienx instab xi handbag kannella u wiegbu li ma instab xejn. Dan Sultana qallu li meta telgha bin il-kwerelanti isaqsi fuq l-basket l-akkuzat kien hdejh u ukoll wiegeb li ma instab xejn.

Huma gabru l-filmat tal-vapur fejn tidher il-familja Farrugia u dawn jidhru fuq l-filmat ghal habta tas- 1.55p.m u jidhru jaqsmu minn mal-mejda u jitilqu 'l hemm u l-mara thalli l-handbag warajha. Joseph Farrugia jidher qed jirranga is-siggijiet u jnaddaf il-mejda u dan ghaliex in-nies kienu kollha qamu u telqu 'l hemm. Mill-filmat l-akkuzat deher jidhol fl-istore room, iqieghed il-baskett ghal genb u f'zewg okkazjonijiet ohra differenti jidher imur jiftah il-baskett u dan appuntu fis-1.55p.m u 1.50p.m u fl-ahhar okkazjoniji deher ipoggi il-basket go kaxxa tal-kartun u jtilaq bih.

Huwa esebixa dan il-filmat li gie markat bhala dok BCS10. Esebixxa ukoll tmien ritratti li huma stills mehuda mill-filmat li juru lill-akkuzat imiss dan il-basket f'dawn il-hinijiet indikati minnu. Jikkonferma ukoll li kien ha l-istqarrija tal-akkuzat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu fejn dan ammetta li kien ha l-basket pero cahad li kien ha l-flus li kien hemm go fih. Huwa gharaf l-istqarija li esebixxa li giet markata bhala dok BCS 3 a fol. 8 u 9 tal-atti, liema stqarrija giet rilaxxjata nhar id-19 ta' Awwissu. L-ghada 20 ta' Awwissu, 2019 kien ha stqarrija ohra tal-akkuzat u dan fil-presenza tal-avukat difensur tieghu.

Mistoqsi jekk kienx staqsa lill-kwerelanti ghaliex kellha dik is-somma flus fuqha jghid li din qaltlu li kienet ser tiftah hanut tal-haxix u kienet marret Malta biex tixtri xi affarijiet izda wara li spiccat bla flus irritornaw lura Ghawdex.

In kontro esami jghid li l-akkuzat huwa haddiem tal-Gozo Channel. Jghid li fl-istqarrija tieghu l-akkuzatta' spejgazzjoni dwar x'ghamel bil-basket li sab pero il-

management ma qablitx mieghu ghal dak li jirrigwarda il-procedura tal-*'lost and found.'*

Nhar l-11 ta' Settembru, 2019 huwa esebixxa update tal-okkorenza li kien gja esebixxa u dan wara li kien tkellem max-xhieda.

**PC 382 Josef Cardona** xehed nhar il-11 ta' Settembru, 2019 u kkonferma li nhar id-9 ta' Awwissu, 2019 ghall-habta tal-4.00p.m kienet marret Maria Farrugia ma zewghha u binha jirraportaw li kienet insiet il-basket taghha fuq il-vapur Ta' Pinu, liema vapur telaq minn Ghawdex fis-1.30p.m Indikatlu li kienet halliet il-basket fuq is-siggu imdendel u li go fih kien hemm xi flejjes f'ammont ta' elf u hames mija (1,500) kif ukoll wallet, ID card mobile u cash link. Kien xi siegha wara li indunat li kienet insietu u ghalhekk binha cempel lil Gozo Channel u dawn qalulu li ma kienu sabu xejn. Huma regghu nizlu ic-Cirkewwa u marru fuq il-vapur u t-tifel kien mar jiccekja hu personalment u hemmhekk ra li kien hemm xi bar attendants u staqsihom jekk kienux sabu baskett izda dawn qalulu li ma kienu sabu xejn. Ix-xhud tkellam mas-security certu Maria Azzopardi li fil-log book taghha ma kellha xejn imnizzel bhala oggett ta' l'lost and found' , tkellem ukoll mal-kaptan tal -vapur ta' Ta' Pnu u dan ukoll qallhom li ma kellhom xejn.

Huwa esebixxa l-okkorrenza li kien irrediga li giet markata bhala dok BCS 5 li tinsab esebita bejn fol. 12 u 15ta' l-atti. Jghid li kien ghamel ukoll request ghac -CCTV cameras izda minkejja li nghata kopja ma kienx rahom. Muri r-ritratti esebiti fl-atti huwa gharafhom u ra l-post fejn kien imdendel il-basket skond ma qaltlu din Maria Farrugia.

**Charlie Xuereb** xehed nhar il-11 ta' Settembru, 2019 u spjega illi huwa jahdem fuq il-vapur ta' Ghawdex. Jghid li jaf li nhar id-9 ta' Awwissu, 2019 kien sar rapport ghand il-pulizija li kien hemm mara li kienet insiet il-basket taghha fuq il-vapur ta' Pinu' dak li telaq minn Ghawdex fis-1.30p.m. Qal li dakinhar kienet marret persuna bl-isem Joseph Farrugia isaqsih jekk kienux sabu xi basket u qallu li ma kien sab xejn. Staqsa lil tal- bar jekk sabux xi basket u dawn ukoll qalulu li ma kienu sabu xejn . Wara tellgha lil dan Joseph hdejn il-kaptan Edmond Cachia biex isaqsih jekk kienux sabu xi basket.

Mistoqsi x'inhi l-proedura meta xi hadd isib xi haga fuq il-vapur x'jghamlu biha.,Jghid li l-ewwel li jghamlu jirraportaw lil Kaptan u wara ippoggu l-oggett misjub go kamra

u meta imur is-sid jghaduh lilu. Qal li meta beda jahdem hemm xi sentejn u nofs qabel il-kaptan kien qallu li din hi l-procedura . Jghid li din il-persuna li staqsietu jekk kienx sab xi baskett qaltlu ukoll li gol basket kien hemm xi hmistax-il miija bla ma indikat liema valuta.

In kontro esami mistoqsi fejn tinsab din il-kamra fejn ipoggu l-oggetti l ijinsabu fuq il-vapur jghid li din tinsab f'nofs il-vapur mghrufa bhala Deck 4.Hija l-kamra taghhom tal-cleaners. Ikkonferma li qatt ma jigu sigillati x' imkien l-oggetti li jinstabu.

**Joseph Farrugia** xehed nhar il-11 ta' Settembru, 2019 u dan jghid li nhar id-9 ta' Awwissu 2019 kien mar Malta ma xi familjari tieghu biex ihalsu ghal xi affarijiet u ommu li kienet mieghu insiet il-basket taghha fuq il-vapur Ta' Pinu. Qal li ommu indunat b'dan meta kienu waslu Burmarrrad u ghalhekk minnufih cempel lil tal Gozo Channel u din qaltlu li ma kienu sabu xejn. Huwa imbaghad mar lura ic- Cirkewwa telgha fuq il- vapur Ta' Pinu u staqsa lil tal bar fosthom l-akkuzat jekk sabux xi basket u qalulu li ma kienu sabu xejn. Jikkonferma li kien hemm persuna Charlie Xuereb li tellghu hdejn il-kaptan u staqsih ukoll jekk kienux sabu xi baskett u dan qallu li ma kienu tawh xejn. Wara dan marru jghamlu rapport mal-pulizija.

F'dan il-basket jghid li kien hemm hmistax-il mija, fi flus kotnanti, mobile phone u l-portmoni ta' ommu. Jghid li l-flus kienu fuqhom ghaliex kienu ser imorru ihalsu xi pagamenti fuq affarijiet li kineu xtraw ghall-hanut li kien ser jiftah fosthom xkaffar u counter ghall-hanut.

**Maryrose Farrugia** xehdet nhar il-11 ta' Settembru 2019 u kkonfermat dak kollu li stqarr binha Joseph salv li kkonfermat li l-valuta tal-flus kienet euro. Ikkonfermat li l-vapur li rikbu kien tas-1.30p.m u kkonfermat li kienu bilqeda fuq il-parti ta' wara tal-vapur ta' fejn hemm il-canteen. Qalet li l-basket taghha kien ta' lewn kannella. Tghid li meta binha mar jiccekja dwaru ma kienitx mieghu. Muri r-ritratt a fol. 27 ta' l-atti tghid li dak huwa l-baskett taghha.

**Christopher Sultana** xehed nhar is-6 ta' Novembrum 2019 u jghid li jahdem fil-cafeteria tal- vapur Gozo Channel. Darba minnhom pero id-data ma jiftakarhiex kienu cemplulu mill-ufficcju biex jara jek kienx hemm xi baskett fuq in-naha ta' wara tal-vapur u hareg ifittex izda ma kien sab xejn. Kien staqsa lil siehbu l-akkuzat odjern li kien jahdem mieghu jekk sabx xi haga u dan ukoll innega li kien sab xi haga Ftit wara

jaf li gew **Joseph Farrugia** mal-cleaner Charlie Xuereb waqt li kien fil-bar ma l-akkuzat isaqsuh jekk sabux xi basket u t-tnejn li huma wiegbu fin-negattiv.

**Warren Grech** xehed nhar is-6 ta' Nvoembru, 2019 u kkonferma li huwa jahdem bhala Human Resources Manager mal-Gozo Channel u jghid li jaf lill-akkuzat ghaliex kien jahdem fil-bar tal-vapuri bili ibiegh is-supplies tal-cafeteria. Qal li l-akkuzat huwa impjegat ma kuntrattur u mhux direttament mal-Gozo Channel ghalkemm jahdem mal-Gozo Channel. Jghid li procedura dwar *lost and found* bil-miktub ma hemmx. Pero hemm prassi li jekk jinstab xi haga abbord dawn jinfurmaw lil Kaptan biha u din tittihed fl-ghassa jew minn min ikun sabu jew minn xi rappresentant iehor li jkun abbord. Mistoqsi jekk l-akkuzat inghatax xi briefing jghid li ma jafx ghaliex jaqa' taht dipartiment iehor. Jghid li l-Head ta' dik is-section hija Sara Grech u tahtha hemm Maureen Azzopardi.

Il-**Kaptan Edmond Cachia** xehed nhar it-18 ta' Dicembru 2019 u jghid li gharaf lill-akkzuat bhala persuna li tbigh mill-cafeteria tal-vapur. Qal li darba minnhom kien telgha Charlie Xuereb u qallu li kien hemm xi had li naqaslu l-basket. Dak il-hin ghamlu announcement fuqil PA jekk instabx baskett. Wara ftit mardan Xuereb akkompanjat minn givnott li kien sid il flus li kien emm fil-baskett ta' ommu u talbu jekk setghux jaraw il-cameras u qallu li ma kellux access ghalihom izda setghu jghidu lill tal ufficcju. Mistoqsi jekk qallux kemm kien hemm flus jghid li jekk jiftakar sew kien qallu li kienhemm is-somma ta' e1,500. Mistoqsi x inhi l-procedura meta xi had jitlef xi haga abbord, jghid li s-soltu l-ewwele ma jghamlu hu li isaqsu lilt al-bar ghaliex generalment l-oggett jsipicca hemmhekk. Qal li procedura bil-miktub ma hemmx ta' xi jsir mill-oggetti li jisntabu meta jinsab xi haga abbord. Mistoqsi jekk hemmx xi speci ta' locker lima tissakarx fil-pantry jghid li iva u gili jitnuza bhala depositarju pero l-oggett ma jigix issiggilat. Huwa perojirrakomanda li l-ogett johduh l-ghassa.

**Sara Grech** xehdet nhar it-18 ta' Dicembru 2019 u dan fil-kariga taghha ta' commercial manager Qalet li l-akkzuat kellu imopieg bhal acafeteria attendant mal-vapur . Mistoqsi jekk hemmx xi procedrua ta' x'ghandu jsir meta jisntab oggett mitlub abbord il-vaour tghid li procedura bil-miktub mhemmx pero is-soltu johduh ghand il-kaptan u wara jghadduh l-ghassa tal-pulizija tal-Mgarr. Bhala briefing jghatu biss fuq point of sale kif tahdem il cafeteria fuq kwistjonijiet ta' lost and found jidhlu is-ecurity officers imma procedura stabilita ma hemmx

**Maureen Azzopardi**, commercial executive mal Gozo Channel xehdet nhar it-18 ta' Dicembru 2019 u tghid li xoghlha hu li tiehu hsieb l-impjegati tal-cafeteria u tghid li meta jidhku impejgati godda ituhom briefing fuq is-sales li jsiru mill-cafeteria u fuq xhiex jinkludi ix-xoghol taghhom. Dwar xi proedurali ghandha tigi aoperata meta tinsab xi oggett tghid li ma hemmx is-soltu johduha ghand il-kaptan u wara johduha l-ghassa tal-pulizija. Qalet li meta gie impjegat l-akkzuat hija kient bil-amternity leave u ghalhekk hi zgur li a tatux xi briefing.

Jonathon Mizzi jixhed nahr it-18 ta' Dicembru 29019 u jghid li nahr is 6 ta' Novembru 2019 kien gie nominat sabiex janalizza footages li gew mid DVDs li hemm esebiti fl-atti. Huwa pprezenta ir-rapport tieghu u minn dawn id-DVDS nuzzle xi stills liema still gahrafhom bhala dawk esebiti fl-atti. Huwa irrtorna id DVDs li minnhon gbed l-istills. Ir-rapport gie market bhala dok JM1.

**Etienne Fenech** xehed nhar il-21 ta' Lulju 2020 jghid li jaf kemm lil Maryose Farrugia kif ukoll lil binha Joseph Farrugia ghaliex kien ghamillhom xi xkaffar fil-hanut taghhom gewa ix Xewkija. Qal li meta ordnaw ix-xoghol kienu tawh deposit u l-kumplament kellu jithallas gewwa l-ufficcju taghhom Malta u jiftakar li darba minnhom cemplulu u qalulu li kellhom incident fuq il-vapur ta' Ghawdex u ghalhekk ma setghux ihalsuh izda li kienu ser ihalsuh darb' ohra.

**PS 951 David Scerri** xehed nahr is-26 ta' Ottubru, 2020 u jghid li kien gie mghoddi footage min tal- Gozo Channel fejn minnu ha xi stills u jara lill-akkuzat jaqbad il-basket f'idejh u jghamel xi muvimenti wara l bar u jitfghu fir-rubbish ta' l-istess cafeteria Huwa gharaf lill-akkuzat odjern.

L-**imputat Joseph Galea** xehed minn jeddu b'mod volontarju nhar is-6 ta' Jananr 2021[1] u jikkonferma li kien jahdem bhala cafeteria ateendent fuq il Gozo Channel. Kien ibiegh min war ail-bar au inaddaf il-cafeteria wara li jitilqu n-nies. Mistoqsi x'kient il-procedura tal-lst and found fuq il-vaur jghid li ma hemmx. Jispjega li taqbad l-oggett u tpoggih wara ic-chillers jew hdejn il-fridge fl-istore. Huwa fil-fatt hekk ghamel b'dan il-basket gabru u poggih hdejn ic-chillers jew x'imkien wara fejn jintefghu l-affarijiet. Ic-chiller li jinsab wara il-cash u l-istore jinsab wara il-bar. Mistoqsi jekk infurmax lil xi hadd jghid li le qabdu u tefghu hemm kif spjega aktar il-fuq. Qal li kien hemm

[1] Fol. 132 ta' l-atti

affarijiet ohra li sab fil-passat u kollha poggihom hemm. Fil-fatt meta marru jiccekkjaw sabu li kien hemm affarijiet ohra gewwa fridge li ma tintuzax u kif ukoll fl-istore. Mistoqsi jekk dak in-nhar kelmux xi hadd dwar dan il-basket jghid li lilu hadd ma kelmu. Illum il-procedura inbidlet fis-sens li jekk tinstab xi haga l-kaptan ghadu jkun infurmat. Mistoqsi ghaliex meta mar Joseph Farrugia ma Charlie Xuereb isaqsuh fuq il-basket ma tkellimx jghid lilu hadd ma kelmu dwaru. Mistoqsi jekk kienx fetah il-basket meta dahlu fil-kamra jghid li ma hux cert u qal li ma fethux. Qabad u poggih hemm hdejn il-fridge jew wara l-fridge. Mistoqsi ghaliex kien caqlaq il-basket minn post ghal post jghid li ma jidhirlux li kien caqlaq il-basket f'xi hin. Fuq il-vapur kulhadd ghar- rasu ma hemm komunikazzjoni bejn il-haddiema.

Fl-istqarrija tieghu rilaxxjata a tempo vergine tal-investgiazzjoni huwa gie muri l-istills mehuda mic-CCTV u jikkonferma li l-persuna fihom hija dik tieghu. Jikkonferma li fl-ebda hin ma fetah il-basket u li ma kienx jaf x'fih lanqas. Mistoqsi jekk il-basket kienx tqil jghid li ma tax kaz. Li jaf hu li poggih fl-istore u wara hareg ipejjep sigarett. Mistoqsi jekk iccekjax jekk il-baskett baqax fl-istore qabel ma telaq jghid li le ma ghamel l-ebda verfiki u lanqas ma tkellem dwaru ma terzi persuni.

Il-Qorti rat li fis-seduta tas-6 ta' Jananr 2021 l-avukat difensur ta' l-akkuzat talab li jigi nominat ufficcjal tal- probation biex ihejji social inquiry report fuq l-akkuzat u nhar it-3 ta' Marzu, 2021 deher l-ufficcjal tal-probabtion **Joseph Mizzi** li halef ir-relazzjoni tieghu[2].

Minn esami tal-istess jirrizulta li ma jirrizultax li l-akkuzat ghada minn xi trawma f'zoghzitu hewli kien espost ghal xi ezempji hziena. Jidher li kellu trobbija normali. Jidher li vizzji illegali m ghandux u qatt ma kellu. Spjega li qieghed f'relazzjoni li qed tghinu tikkonsolida l-andament posittiv tieghu. Gabar ukoll il-versjoni tal-vitma fejn gi infurmat li ghadha ma gitx kkumpensta. Huwa ma jhoss li l-akkuzat jista jibbenefika mis-servizi taghhom ghaliex huwa persuna stabbli u hemm andament posittiv fil-komportament tieghu.

Rat il-filmat esebit fl-atti u minn esami tal-istess jidhr l-lounge area tal-cafeteria tal-vapur ta' ta' Pinu nhar id-9 ta' Awwissu 2019 ftit qabel is-saghterjn ta' war anofs in-nhar. L-akkuzat jidher mixi ipejjep sigarett u f'hin minnhom f'idejk jidher li ghandu

[2] Fol. 140 ta' l-atti

basket bic-cinga ta' lewn kannella. Jidher ukoll mixi b'dan il-basket f'idejh I jidhol go store bih. X'ghamel bil-basket waqt li kien fl-istore pero ma jirrizultax mir-ritratti kuntrarjament ghal dak li hemm imnizzel fin-nota tal-kummissarju tal-pulizija li jghid li l-akkzuat fetah il-basket waqt li kien fl-istore. Aktar tard pero l-akkuzat jidher johrog minn dan l-istore minghajr il-basket. Waqt li kien f-istore jidher igorr kaxxa u ipoggiha fejn kien halla l-basket.

Illi l-akkuzat instab hati tal-akkuza ta' serq aggravat u ghalhekk hija din l-akkuza li din l-Onorabbli trid tindirizza. Il-Qorti ghalhekk thoss li f'dan l-istadju ghandha taghmel apprezzament ta' dritt u cioe taghti tifsira tal-kuncett ta' serq, u cioe tar-reat kontra l-propjeta ta' terzi per eccellanza jew ahjar kif jghid il-Manzini -

> *"l'oggetto generico della tutela penale(b'referenza ghal dan ir-reat) e' l'interesse pubblico riguardante l'inviolabilita del patrimonio."*

Jekk wiehed janalizza l-Kodici Penali taghna, ma jsibx definizzjoni tal-kuncett ta' serq, ghalhekk n-nozzjoni tas-serq tista *prima facie* tidher facli u ta' intelligenza volgari, mandankollu r-reat ta' serq dejjem ta' lok ghal kwistjonijiet frekwenti u vivament dibattuti fid-dritt kriminali. Hija l-prattika kostanti tal-Qrati taghna li jadoperaw d-definizzjoni moghtija minn **Carrara**[3] kif tajjeb osservat id-difiza fin-nota taghha - (vide Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v Tanti.**[4])

Il-Carrara jghid:

> "*il furto e' la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro*."

Ghalhekk jirrizulta minnufih li sabiex jissusisti serq irid jkollna l-elementi kostitwiti **kollha**[5] ta' dan l-istess reat u cioe:

1. il-contractatio tal-haga,
2. li tappartjeni lil terzi,

[3] fil-Programma Speciale vol IV para 2017
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Dicembru 1944 (Vol XXXII(e) IV/814 )
[5] Enfasi ta' fin l-Onorabbli Qorti

3. maghmula b'mod frawdolenti,
4. minghajr l-kunsens tad-sid, u
5. animo lucrandi.

Ghalhekk meta nghidu li sabiex jissusisti s-serq il-contrectatio tar-res aliena irid isir b'mod frawdolenti, inridu nfissru li t-tehid tal-oggett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittiehed minghand terzi, jigifieri li t-tehid qed isir ghad-dannu ta' terzi. Huwa importanti *sine qua non* biex jigi ppruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-*mens rea* mhux biss t-tehid tar-*res aliena* izda l-intenzjoni li ser isir akkwist - **animo di farne lucro**. Il-kontracettazzjoni ma hiex bizzejjed imma hemm bzonn li tkun saret *invito domino* u *luci faciendi gratia.*

Infatti kif sollevat mid-difiza stess, r-rekwizit specjali ghas-serq huwa li wiehed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantagg jew beneficcju minn haga li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jigi ppruvat huwa l-pussess tal-oggett li jrid jigi prodott minn kull tehid illegittimu kommess *mediante sottrazione senza violenza personale*, kif jghid **Manzini** *presupposta essenziale del furto e' la mancanza del possesso del agente.*

Bil-kelma *lucro* wiehed m'ghandhux jifhem biss *lokupletazzjoni venali* jew borswali imma kwalunkwe vantagg, sodisfazzjon, utili, pjacir, beneficcju jew kommodu li l-hati jkollu fi hsiebu li jipprokura.

**Carrara** jghid :

> "*avvengache per lucra qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vantaggio o sodisfazione procurata a se' stesso.*"

Jehtieg ghalhekk li ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Samuel Schembri et** [6]li l-elementi materjali tar-reat ta' serq huma il-*contrectatio dolosa della cosa altrui, fatta invito domino*, dwar il-hames element l-animo lucrandi qalet hekk:

[6] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fis-16 ta' Gunju 2014

*"... kif gie dejjem ritenut mill-Qrati Taghna l-intenzjoni li taghmel xi qliegh tikkostitwixxi l-intenzjoni specifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta' dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett , imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh.*

Kif jghid il-**Carrara** *"il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui."* u *"per lucro qui non s'intende un' effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso."*

Il-**Professur Sir Anthony Mamo** jispjega hekk:

*"The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one's self...."*

**Il-Professur Mamo** izid jelabora

*"..it suffices that the purpose of deriving a gain in the above sense existed in the intention of the agent; it is not required for the completion of the crime that such gain shall have in fact been realised..... Indeed even where the gain has failed to be realised by reason of a voluntary act of the thief himself (e.g. because he restores the thing) ... the crime of theft juridically continues to subsist, in as much as the "animus lucrandi" was present at the time of appropriating the thing. Restitution of the thing or compensation operates only in mitigation of punishment in certain cases".*

Pero l-istess awtur ikompli jghid li:

*"The "animus lucrandi" is also negatived if the thing is taken and carried away in the exercise of a pretended right , in which case you may have in appropriate circumstances , the offence under section 84 (illum Section 85) of the Criminal Code"*

L-istess jghid **Maino** :

> *"Se la sottrazione della cosa altrui e' commessa o per pagarsi di un credito, o per compensarsi di un danno, o per esercitare sulla cosa un diritto ancorche' controverso, esula dal fatto, per comune consenso degli scrittori e pel concetto dell'articolo in esame, l'imputabilita' a titolo di furto."*

u

> *"Ricorrendo gli altri estremi voluti dall'art 235 cod. pen. , non sara' dunque applicabile il-titolo di furto, ma quallo di ragion fattasi a chi prenda una cosa del suo debitore per rivalersi o garantirsi del suo credito a chi sottragga una cosa litigiosa nella credenza di avervi diritto21; e cio' perche' in tali casi la coscienza del diritto esclude il dolo del furto, sostituendo al proposito di procurarsi un illecito profitto (n.1843) quello di evitarsi un danno."*

Fissati dawn l-kriterji jista wiehed jghaddi b'certu grad ta' sikurezza biex jesamina l-kaz ta' l- imputat fid-dawl tas-suespost.

Ma hux kontestat li l-akkzuat gabar il-basket ta' Maryrose Farrugia nahr id-9 ta' Awwissu 2019ghall-habta ta' 1.55p.m meta is-sinjura Farrugia kient insietu fimdendel fuq is-siggu. Dwar dan ma hemmx kontestatazzjoni u dan ghaliex ake l-akkuzat jammetti fix-xhieda tieghu viva voce il-Qorti li kien hu li gabru. Jidher pero li l-akkuzat qabad u pogga dan il-basket fl-istore li hemm wara il-bar u ma qal lil hadd dwaru. Ma jirrizultax li kien hemm xi protocol ta' x'kellu jghamel l-akkzuat meta sab dan il-basket u dan ghaliex ix-hieda li gew imresqa mill-prosekuzzjoni ilkoll qalu li protocol bil-miktub ma hemmx u qisu kulhadd jimxi ghar-rasu u kif jahseb hu li jkun ahjar.
Illi pero u dan li jdejjaq hafna lil din il-Qorti hu li meta bin l-kwerelanti Joseph Farrugia li kien fil-kumpanija ta' Charlie Xuereb staqsewh u dan hu konfemat anke mill-abr attendant li kien mieghu xogho dak in-nhar ma qalilhomx li kien gabar dan il-basket, jew addirittura li kienhemm basket fl-itore li setgha kien taghhom. Hawn hu l-

intesjoni tal-akkzuat li izomm dan il-basket ghalih u li mit-tehid tieghu jghamel il-profit tieghu.
Jirrizulta mix-xhieda ta' Maryrose Farrugia u binha Joseph Farrugia li fil-baskekt aparti li kien hemm mobile phone, ID card u cash link kien hemm ukoll is-somma ta' elf u hames mitt euro (€1,500). Mistqosija ghaliex kien hemm din is-somma kemm Maryrose kif ukoll Joseph jghidu li kienu hemm ghaliex kienu nizlin Malta biex halsu xi suppliers peress li kienu xtraw xi affarijeti ghal haunt li kienu ser jifthu gewwa ix Xewkija. Tant hu minnu li anke is-supplier Etienne Fenech ikkonferma li kien biegh xi xkaffar lil Marysoe Farrugia li kien hemm incident meta kient ser tmur thalsu fuq il-vapur ta' Ghawdex u li dakinhar li kienu miftehmin ma halsitux.

Din il-Qorti ma semghetx lill-akkuzat jixhed pero minn dak li qal ma dehrx kkonvincix lil Qorti li huwa pogga l-basket fl-istore u hallih hemm daqs likieku kien ogget ordinarju tal-*lost and found.* Lanqas ma kkonvinca lil Qorti li ma fetahx il-basket biex jara x'kien hemm fih. Kieku dan kien minnu li ttratta dan l-oggett bhal li kieku kien a *lost and found* kien iwiegeb lil Charlie Xuereb u lil Joseph Farrugia meta dawn staqsewh jekk instabx xi baskett u sahansitra kien anke jghaddih lura lilhom. Anke meta kien hemm avvivz fuq is-sistema tal PA kif stqarr il-kaptan Edmond Cachia l-akkuzat ma qal xejn.

Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti ic-cirkostanzi kienu tali li jinducu lil Qorti u dan mill-agir ta' l-istess akkuzat li huwa ghandu jinstab hati tar-reat ta' serq aggravat. Ma hemmx dubbju li is-serq hu aggraavat skond l-artikolu 267 tal-kap 9 li jiddisponi is-segwenti:-

> "*Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"valur", meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94)*"

Is-serq huwa ukoll aggravat bil-persuna u dan ghaliex l-basket insteraq minn l-akkuzat meta dan kien impjegat fuq bastiment skond l-artikolu 268 (d) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-

*'meta jsir minn apprendist, kumpann fix-xogħol, ħaddiem, professur, artista, suldat, baħri jew impjegatieħor, fid-dar, fil-ħanut, fl-uffiċċju, fil-kwartier, fuq ilbastiment, jew f'post ieħor li fih ikun daħal minħabbas-sengħa, professjoni jew impieg tiegħu'*

Ghalhekk l-akkuza ta' serq aggravat bil-valur u bil-persuna tirrizulta pruvata u konsegwentement din l-Onorabbli Qorti qed tikkonferma l-htija misjuba mill-ewwel Qorti fir-rigward ta' l-ewwel akkuza.

Dwar l-aggravju tal-piena l-Qorti kif gie ritenut ripetutament minn din il-Qorti diversament preseduta u anki kif illum preseduta, principju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx, legalment u ragonevolment, tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha (App. Krim. **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[7]" 10.5.02 u ohrajn.). Il-Qorti tvarja tali apprezzament jekk tqis li fuq il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u minnha traskritti ma jkunx "safe and satisfactory" li tinstab il-htija addebitata lill-appellanti. Illi fil-kaz in desamina huwa minnu li l-appellant ghandu fedina penali netta pero' din il-Qorti rat ukoll li l-ewwel Qorti fil-fatt issospendiet l-operat ta' din is-sentenza ta' tmintax-il xahar prigunerija ghall-perjodu ta' erba' snin. Ghalhekk hawnhekk ukoll din il-Qorti ma hiex tal-fehma li ghandha tiddisturba l-piena inflitta.

Din il-Qorti ghalhekk qeda tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward tal-mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena inflitta.

Qeda ukoll ai termini tal-Artikolu 28(4) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tispjega lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta' tieghu taht l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk jikkommetti reat iehor ta' natura volontarja matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

---

[7] Deciz mill Qorit tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta' Mejju 2002

Qeda ukoll tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat li ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligjijiet ta' Malta ghandu jhallas l-ispejjez inkorsi dwar l-esperti li gew nominati u dan fis-somma ta' € 347.27 rappresentanti spejjez peritali li ghandhom jithallsu lill-Qorti fi zmien xahar mil-lum.

Qeda wkoll tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat l-applikazzjoni tal-Artikolu 532A tal- kap 9 tal-ligijiet ta' Malta fejn ordnat lill-appellant ihallas kumpens lill-vittma pero' dan qed isir fl-ammont ta' ef u hames mitt euro (€1,500) peress li l-valur tal-mobile ma giex pruvat f'dawn il-proceduri. Dan il-hlas ghandu jsir fi zmien gimgha mil-lum. Din l-ordni ghandha tikkostitwixxi titolu esekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili.

Il-Qorti Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex tiehu hsieb li jingabru l-isepejjez tal-periti kif ukoll lill-kwerelanti biex tiehu hsieb li tigbor dak li hu dovut lilha skont din s-sentenza.

Consuelo Scerri Herrera

Imhallef